



Brussell, 6 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10417/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0176(COD)**

PECHE 248

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 356 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 f'dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 356 final.

Mehmuż: COM(2021) 356 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2021
COM(2021) 356 final

2021/0176 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 f'dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd¹ jistabbilixxi deroga għaż-żona ta' 12-il mil nawtiku tal-Istati Membri (l-ilmijiet territorjali) mir-regola ġenerali tal-aċċess indaqgħ għall-ilmijiet u għar-riżorsi tal-Unjoni għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament. Id-deroga tawtorizza lill-Istati Membri jillimitaw is-sajd fiż-żona ta' 12-il mil nawtiku għal ċerti bastimenti. Ir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri abbażi tad-deroga naqqsu l-pressjoni tas-sajd fiż-żoni li huma l-aktar sensitivi bijoloġikament, u taw kontribut għall-istabbiltà ekonomika għal attivitajiet kostali fuq skala żgħira.

L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi deroga simili għall-ilmijiet sa 100 mil nawtiku 'l bogħod mil-linji bażi tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni msemmijin fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 349 tat-Trattat. Id-deroga tippermetti lill-Istati Membri kkonċernati jillimitaw is-sajd għall-bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-portijiet ta' dawk it-territorji.

Id-derogi jibqgħu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2022, u l-proposta għandha l-għan li tevita t-twaqqif tar-reġim ta' aċċess speċifiku stabbilit fl-Artikolu 5(2) u 5(3) tar-Regolament. Hija tipproponi emenda għad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament biex jittawwal iż-żmien li fih l-Istati Membri jkunu jistgħu jillimitaw l-aċċess għall-ilmijiet tagħhom skont dawn id-dispożizzjonijiet.

L-objettivi tar-reġim speċifiku għadhom validi daqskemm kienu fid-deċennji preċedenti. Dan huwa minħabba l-istat ta' konservazzjoni attwali ta' bosta stokkijiet, minħabba li l-ilmijiet kostali għadhom sensitivi mil-lat tal-konservazzjoni, u minħabba li għadu diffiċli għaż-żoni kostali li jiddependu ħafna mis-sajd li x'aktarx ma jibbenefikawx minn żvilupp ekonomiku ieħor. It-tibdil tal-arranġamenti attwali jgħib miegħu riskju kbir li jiffixkel il-bilanċ li żviluppa mill-introduzzjoni ta' dan ir-reġim speċjali.

Għalhekk il-proposta għandha l-għan li ttawwal iż-żmien tad-derogi attwali għal 10 snin oħra.

Barra minn hekk, hija proposta emenda għall-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. L-Anness I jistabbilixxi għal kull Stat Membru ż-żoni ġeografiki fi ħdan il-faxex kostali ta' Stati Membri oħra fejn jista' jwettaq attivitajiet tas-sajd u liema speċijiet jista' jistad għalihom. Din l-emenda tirrifletti l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll komunikazzjoni konġunta lill-Kummissjoni mill-Italja u l-Greċja tad-9 ta' Ġunju 2020 dwar l-aċċess ta' bastimenti tas-sajd Taljani għall-ilmijiet territorjali tal-Greċja li jirrifletti l-arranġamenti bilaterali bejn l-Istati Membri kkonċernati. Finalment, wara li ħarġet is-sentenza fil-Kawża C-457/18², jenħtieġ li n-noti f'qiegħ il-paġna li jirreferu għall-Ftehim ta' Arbitraġġ bejn is-Slovenja u l-Kroazja li ġie ffirmat fi Stokkolma fl-4 ta' Novembru 2009, jitħassru mill-Anness I minħabba li l-UE ma għandhiex kompetenza fi kwistjonijiet dwar il-fruntieri.

¹ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

² Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-31 ta' Jannar 2020, Ir-Repubblika tas-Slovenja kontra r-Repubblika tal-Kroazja C-457/18, EU:C:2020:65, il-paragrafi 102-104.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Skont l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE, l-UE għandha kompetenza esklużiva fejn jirrigwarda l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi marini skont il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). Il-proposta tidħol f'din il-kompetenza u għaldaqstant ma japplikax il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Billi l-proposta tikkonċerna primarjament estensjoni limitata biż-żmien tal-validità ta' miżura li diġà teżisti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ma hemmx tħassib rigward il-prinċipju tal-proporzjonalità.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Ġbir u użu ta' għarfien espert

Waqt it-tieni nofs tal-2020, l-Istati Membri kienu mistiedna jipprovdu l-informazzjoni dwar ir-restrizzjonijiet li japplikaw skont l-Artikolu 5(2) u 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Waslu l-kontribuzzjonijiet mingħand 16-il Stat Membru li kkonfermaw il-ħtieġa li jitkompla r-reġim attwali tad-derogi mingħajr modifiki. L-unika eċċezzjoni kienet l-emenda li talbu l-Italja u l-Greċja għall-Anness I tar-Regolament (UE) 1380/2013 biex ikun rifless l-aċċess tal-Italja għall-ilmijiet territorjali Griegi fil-Baħar Eġew, fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Libjan.

F'Diċembru tal-2020, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STEFCF) baġhat rapport dwar id-dimensjoni soċjali tal-PKS³. Fost l-oħrajn, ir-rapport iddiskuta jekk ir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament għenux biex jippriżervaw l-attivitajiet tas-sajd tradizzjonali tal-flotot kostali biex imantnu l-infrastruttura soċjali u ekonomika ta' dawn iż-żoni.

L-STEFCF innota li ma kienx possibbli li jiġi evalwat il-kontribut ta' dawn ir-restrizzjonijiet billi kien hemm bżonn analiżi aktar dettaljata u riedu jitqiesu fatturi kontribwenti oħra. Madankollu, l-esperti kkonkludew li ebda Stat Membru ma rrapporta kunflitti rigward l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. L-STEFCF osserva li din ir-regola, li ilha fis-seħħ sa mill-bidu tas-snin 70 u ddaħħlet fl-ewwel regolament bażiku dwar il-PKS fl-1982 u f'kull revizzjoni tar-regolament bażiku dwar il-PKS minn dak iż-żmien 'l hawn (1992, 2002, 2013), ilha aċċettata u tevita l-kunflitti bejn l-Istati Membri.

• Valutazzjoni tal-impatt

Kif indikat fil-pjan direzzjonali għal din l-inizjattiva⁴, il-proposta ttawwal iż-żmien tar-reġim attwali, kif kien sar fl-2012 permezz ta' emenda għar-Regolament preċedenti dwar il-PKS⁵.

³ <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2672864/STECF+20-14+-+Social+dimension+CFP.pdf/a68c6c42-6b64-41fc-b5a0-b724c71aa78e>

⁴ <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12533-Extension-of-the-access-to-waters-regime-under-the-Common-Fisheries-Policy>

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1152/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd

L-emendi għall-Anness I huma limitati li jirriflettu l-iżviluppi riċenti fil-governanza tal-ilmijiet territorjali. Għalhekk, mhijiex meħtieġa valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-miżura ma tinvolvi l-ebda nefqa addizzjonali għall-Unjoni.

2021/0176 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 f'dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom aċċess indaqs għall-ilmijiet u r-riżorsi tal-Unjoni soġġett għar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ jipprevedi derogi għar-regola dwar l-aċċess indaqs fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:
- (3) L-Istati Membri huma awtorizzati jillimitaw is-sajd għall-bastimenti tas-sajd li jistadu tradizzjonalment f'dawk l-ilmijiet minn portijiet fuq il-kosta maġenb sa 12-il mil nawtiku mil-linji bażi tagħhom.
- (4) L-Istati Membri huma awtorizzati wkoll jillimitaw l-aċċess għall-ilmijiet sa 100 mil nawtiku mil-linji bażi tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni msemmijin fl-Artikolu 349 tat-Trattat, għall-bastimenti li jkunu rreġistrati fil-portijiet ta' dawk it-territorji.

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (5) Ir-regoli eżistenti li jllimitaw l-aċċess għar-riżorsi fi ħdan iż-żoni ta' 12-il mil nawtiku tal-Istati Membri kienu ta' benefiċċju għall-konservazzjoni billi llimitaw l-isforz tas-sajd fl-iżjed parti sensitiva tal-ilmijiet tal-Unjoni. Dawk ir-regoli ppreservaw ukoll l-attivitajiet tradizzjonali tas-sajd li minnhom jiddipendi ħafna l-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' ċerti komunitajiet kostali.
 - (6) Ir-restrizzjonijiet eżistenti li jllimitaw l-aċċess għar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar madwar ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni msemmijin fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 349 tat-Trattat għenu biex ipprizervaw l-ekonomija lokali ta' dawk it-territorji, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni strutturali, soċjali u ekonomika tagħhom.
 - (7) Id-derogi eżistenti li jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2022. Madankollu jenħtieġ li dawk id-derogi jiġġeddu għal għaxar snin oħra biex tkun żgurata l-kontinwità tal-miżuri ta' protezzjoni attwali u biex ikun evitat it-tfixkil tal-bilanċ li żviluppa minn meta ġie introdott dan ir-reġim speċjali.
 - (8) Jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jiġi emendat wara l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u wara talba konġunta mill-Italja u l-Greċja dwar l-aċċess tal-bastimenti Taljani għall-Baħar Jonju, għall-Baħar Eġew u għall-Baħar Libjan.
 - (9) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jiġi emendat skont dan,
- ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 5, il-kliem "il-31 ta' Diċembru 2022" huma sostitwiti bil-kliem "il-31 ta' Diċembru 2032".
- (2) L-Anness I huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha mill-1 ta' Jannar 2023.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President